MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Numru 187/2004

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Dr Alfred Grech LL.D.**

Illum 21 ta' Jannar 2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Dr Alfred Grech talli fil-21 ta' Mejju 2004 ghall-habta tas-7.30pm fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:

1. saq vettura CBE 334 ta' ghamla Mazda 323 bil-licenzja mhux renovata;

2. saq l-istess vettura bla ma kienet koperta b'polza tas-sigurta';

3. talli fl-istess hin, post u lok kif fuq imsemmi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' rota ("bicycle") misjuqa minn Dominic Cutajar u kkaguna hsara fuq l-imsemmija rota a dannu ta' l-istess Cutajar;

4. talli kagun ta' l-istess kollizjoni involontarjament ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Domenic Cutajar;

5. naqas fi zmien jumejn minn meta gie mitlub mill-pulizija li jipproduci l-licenzja tas-sewqan u l-polza tas-sigurta;

6. waqt li kien isuq naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u/jew ta' l-isteering wheel;

7. ukoll talli waqt li kien isuq l-imsemmija vettura opera apparat u/jew libes "headphones" jew uza xi apparat ta' l-istess xorta ("mobile phone") li b'xi mod tellef jew li seta' jtellef is-smiegh tieghu waqt is-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-2 ta' Settembru 2004 li, fuq ammissjoni ta' l-istess Dr Alfred Grech, sabet lill-istess imputat hati, u kkundannatu komplessivament multa ta' erbghin lira (Lm40); din il-Qorti kompliet tghid hekk fis-sentenza taghha:

"Minhabba ragunijiet premessi u cioe' l-ammissjoni bikrija u l-fatt li l-imputat ser jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha involuti u b'hekk is-socjeta' mhux ser issofri l-ebda danni materjali, ma tordna (<u>recte:</u> tordnax) l-iskwalifika tal-licenzja ta' l-imputat";

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fl-1 ta’ Ottubru, 2004 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fir-rigward tal-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-Avukat Dr Alfred Grech u lill-Avukata Dr Michaela Spiteri ghall-appellant Avukat Generali fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu fis-sens li skond l-Artikolu 15 tal-Kap 65, l-ewwel Qorti kellha tinfliggi l-piena ta’ skwalifika mil-licenzji tas-sewqan, liema piena hija, skond l-istess appellant tassattiva. L-appellant ghandu ragun. It-tielet imputazzjoni moqrija flimkien mas-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet ma jistghux hlief jipotizzaw sewqan perikoluz u mhux semplicement traskurat. Is-sewqan perikoluz hu kolpit bis-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 15, u mhux bis-subartikolu (3), b’mod li l-iskwalifika ghal zmien ta’ mhux anqas minn tliet xhur kienet tassattiva.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata aktar ‘il fuq kwotata f’dan il-gudikat u minflok, b’zieda mal-piena tal-multa gia inflitta, tiskwalifika lill-appellat Dr Alfred Grech milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tliet (3) xhur, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-perjodu ta’ l-iskwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada, 22 ta’ Jannar 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------